MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 7/2007/1

**Joseph Camilleri**
***versus***
**Marlene Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fit-30 ta’ Marzu 2011 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, li ċaħdet it-talba tiegħu biex tnaqqas il-manteniment li hu kien intrabat li jħallas lil martu l-konvenuta bis-saħħa ta’ kuntratt ta’ firda personali.
2. L-attur fisser illi l-partijiet kienu nfirdu bis-saħħa ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Marco Farrugia fis-17 ta’ Novembru 1998 u fl-istess kuntratt l-attur intrabat li jħallas lil martu manteniment ta’ tmienja u ħamsin lira (Lm58),

illum mija u ħamsa u tletin euro u erbatax-il ċenteżmu (€135.14), fil-ġimgħa. Igħid illi llum id-dħul tiegħu naqas "drastikament" u żdidulu l-ispejjeż għax ifforma familja ġdida, u għalhekk seħħew ċirkostanzi li għandhom iwasslu għal reviżjoni u tnaqqis tal-manteniment. Barra minn hekk, seħħew ukoll ċirkostanzi li wasslu għad-dekadenza tal-konvenuta mill-jedd tagħha għall-manteniment għax "għandha relazzjoni ma' raġel ieħor".

3. Għal dawn ir-raġunijiet l-attur talab illi l-qorti:

i. tgħid illi l-konvenuta iddekadiet mill-jedd għall-manteniment għax għandha relazzjoni ma' raġel ieħor;

ii. tgħid illi l-konvenuta għandha dħul ieħor, u għalhekk l-attur ma hux marbut li jmantniha;

iii. tgħid illi huwa impossibbli għall-attur li jħallas il-manteniment miftiehem;

iv. tirrevedi l-manteniment u tnaqqsu fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-partijiet; u

v. tiddikjara illi l-manteniment hekk imnaqqas għandu jidħol fis-seħħ minn dakinhar li ġie preżentat ir-rikors maħluf.

4. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni għax, f'materja ta' kuntratti pubbliċi, il-qorti kompetenti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

ii. it-talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu għax *pacta sunt servanda*; u

iii. ma hux minnu li seħħew ċirkostanzi li bihom il-konvenuta tiddekadi mill-jedd għall-manteniment u lanqas ma hu minnu illi d-dħul tal-attur naqas.

5. B'rikors tat-28 ta' Mejju 2008 l-attur talab illi qabel l-ewwel talba tiegħu jidħol dan il-kliem:

«Previa din il-qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fuq bażi ta' adulterju ssopraveniet bi ħtija tal-konvenuta, jitlob bir-rispett sabiex dina l-onorabbli qorti jogħġobha tħassar l-artikolu tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 17 ta' Novembru 1998 fl-att tan-Nutar Dr Marco Farrugia kif ġie ffirmat bejn il-partijiet biex b'hekk anke teħles lir-rikorrenti mill-obbligu tal-ħlas tal-manteniment kif stipulat fl-istess kuntratt … … …»

6. L-artikolu tlieta (3) tal-kuntratt, li dwaru saret it-talba, igħid hekk:

«Il-komparenti Joseph Camilleri jobbliga ruħu li jħallas lill-komparenti martu Marlene Camilleri retta alimentarja ta' mija u ħmistax-il lira maltin (Lm115) fil-ġimgħa, pagabbli in kwantu għal tmienja u ħamsin lira maltin (Lm58) favur tagħha u sebgħa u ħamsin lira maltin (Lm57) favur il-minuri … … ... *Inoltre* qed jiġi mftiehem illi l-mara tiddekadi mid-dritt ta' manteniment biss kemm-il darba hija tgħix *more uxorio* jew tikkoabita regolarment ma' raġel ieħor.»

7. Il-konvenuta opponiet it-talba u l-ewwel qorti ċaħditha b'dikriet tat-3 ta' Jannar 2011, għar-raġuni illi:

«… … … l-punt tad-dekadenza jifforma parti mill-ftehim milħuq bejn il-partijiet, u għalhekk jinsab regolat bil-kuntratt tas-separazzjoni; *inoltre* t-talba għat-tħassir ta' dak pattwit dwar id-dekadenza mid-dritt tal-manteniment jeżorbita mill-parametri ġudizzjarji tal-azzjoni odjerna.»

8. Imbagħad, b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2011 ("is-sentenza appellata") l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza u ċaħdet ukoll it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Illi mill-provi jirriżulta paċifiku li l-partijiet isseparaw permezz tal-imsemmi kuntratt fejn fil-klawsola numru tlieta [3] l-partijiet ftiehmu u ntrabtu li l-attur kellu jgħaddi lill-konvenuta bħala manteniment għaliha s-somma settimanali ta' Lm58 (illum €135.14); u testwalment ftiehmu: "*Inoltre* qed jiġi miftiehem illi l-mara tiddekadi mid-dritt ta' manteniment biss kemm-il darba hija tgħix *more uxorio* jew tikkoabita regolarment ma' ragel iehor."

«Illi, wara s-separazzjoni, l-konvenuta daħlet f'relazzjoni stabbli ma' ċertu Malcolm Craig, li ilha sejra għal aktar minn tmien snin. Huwa paċifiku wkoll li l-konvenuta u dan Malcolm Craig ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien, u meta jsiefru flimkien jorqdu flimkien; ukoll, Malcolm Craig imur għand il-konvenuta kuljum, jiekol u jmur ukoll filgħaxija, u, wara xi siegħa, huwa jmur lura f'daru; il-konvenuta ġieli ħaslitlu u għaddietlu l-ħwejjeġ u tikkonferma li dan jagħtiha kull ma jkollha bżonn, anke flus, u jħallsilha l-kontijiet tad-dawl u ilma. Iżda dawn igħixu separatament minn xulxin, u jgħixu fi djar separati mat-tfal rispettivi tagħhom. Malcolm Craig igħix fi Triq it-Torri f'tas-Sliema flimkien ma' bintu, filwaqt li l-konvenuta tgħix f'The Strand, fil-Gżira mat-tliet uliedha mill-attur.

«Illi mill-kuntratt tas-separazzjoni jirrizulta ċar li l-partijiet ftiehmu u riedu li l-konvenuta titlef id-dritt li tkompli tirċevi r-retta alimentarja pattwita "biss kemm-il darba hija tgħix *more uxorio* jew tikkoabita regolarment ma' ragel iehor." Mela allura jirrizulta ċar minn dan il-kuntratt li mhux kull relazzjoni extra-matrimonjali da parti tal-konvenuta ttellifha d-dritt li tirċevi *ex contractu* dak pattwit bejn il-partijiet, imma biss jekk il-konvenuta tgħix fi stat ta' konkubinaġġ ma' raġel iehor. Dan kien il-hsieb tal-partijiet meta ftiehmu fuq din il-parti tal-klawsola.

«Illi rigward l-interpretazzjoni tal-frasi *more uxorio* l-qorti tosserva li din tirrifletti stat fejn żewġ persuni, li ma jkunux konjuġi, jgħixu bħala konjuġi barra ż-żwieġ. In propożitu l-awtur taljan Francesco Gazzoni jiddeskrivi dan l-istat ta' fatt bħala "*famiglia di fatto*", u jiddeskrivih bħala "*fenomeno che un tempo veniva indicato con il termine concubinato ovvero con l'espressione convivenza more uxorio*" u jkompli josserva li fis-sustanza dan l-istat ta' fatt jissussisti fejn raġel u mara "*vivono e si comportano*, *anche esternamente*, *come coniugi senza essere tra di loro sposati*".

«Għalhekk sabiex tavvera l-kondizzjoni li twassal għad-dekadenza mid-dritt tal-konvenuta għall-mateniment pattwit, l-attur għandu l-oneru li jipprova, mhux biss li l-konvenuta għandha relazzjoni *extra*-matrimonjali stabbli ma' raġel iehor, anke jekk dawn ikunu jiffrekwentaw lil xulxin kwotidjanament u jgħinu lil xulxin anke finanzjarjament, iżda jeħtieġ il-prova tal-element tal-konvivenza, u *cioè* li l-konvenuta tikkonvivi man-namrat tagħha taħt saqaf wieħed. Lanqas hi biżżejjed il-prova li meta dawn isiefru huma joqgħodu fl-istess kamra fl-istess sodda, għax il-konvivenza tfisser iżjed minn hekk: tfisser li tnejn min-nies, fuq bażi ġornaljera u fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, igħixu flimkien.

«Illi hija opportuna l-osservazzjoni li llum il-ġurnata fejn in-nies, partikolarment il-ġenerazzjoni zagħżugħa, ma jħossuhomx aktar daqshekk marbutin mad-dettami tar-regola tal-astinenza mill-attività sesswali, inkluż l-att taż-żwieġ, barra ż-żwieġ, huwa komuni l-fatt li għarajjes, u anke namrati, ikollhom, barra ż-żwieġ, relazzjonijiet intimi bejniethom, u anke jsiefru għal ċertu perijodi flimkien, u jiffrekwentaw ta' spiss, sa minn kmieni fir-relazzjoni, ir-

residenzi rispettivi tagħhom fejn ikunu jgħixu mal-genituri tagħhom; iżda b'daqshekk ma jfissirx li dawn ikunu qed jikkonvivu flimikien.

«Finalment, u b'referenza għal dak sottomess mill-attur, il-qorti tosserva li l-imsemmija klawsola ma teżentax lill-partijiet mill-obbligu tal-fedeltà wara s-separazzjoni, iżda qiegħda tikkontempla biss il-każ uniku fejn l-konvenuta titlef id-dritt li tibqa' tipperċepixxi l-manteniment pattwit.

«Għaldaqstant l-ewwel talba, in kwantu tirriferi għad-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt tagħha li titlob il-manteniment pattwit, ma tistax treġġi.

«Illi fit-[tielet] talba l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja fis-sens li hu qiegħed fl-impossibilità li jeżegwixxi l-obbligu kontrattwali tiegħu li jħallas manteniment għall-konvenuta, assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni; u sekondarjament fit-talbiet susseg-wenti, u anke t-[tieni] talba qed jitlob varjazzjoni tal-*quantum* pattwit, anke peress li l-mara għandha dħul ieħor.

«Illi in vena legali jiġi osservat li l-pożizzjoni legali kif abbraċċjata mill-ġurisprudenza interpretattiva hija li "fejn *si tratta* ta' ftehim *per via* ta' kuntratt għandu wkoll igħodd fermament il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*. Il-qrati tagħna, minkejja li fil-bidu jirriżulta li addottaw pożizzjoni riġida, anzi waħda inflessibbli, meta ġew rinfaċċjati b'talbiet għar-reviżjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftiehma bejn il-konjuġi stess, mal-milja taż-żmien ħassew in-neċessità li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull liġi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkonċedu illi taħt ċertu ċirkostanzi li ġew kwalifikati bħala "ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-attur li ġabuh fl-impossibilità li jħallas ir-retta alimentari, allura f'każi simili jista' jkun hemm lok għal varjazzjoni … … … [f'każ ta' manteniment pattwit] wieħed għandu jippreżumi li *trattandosi* hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftiehmu fl-aħjar interess tagħhom it-tnejn." [App. <u>Alfred Grech *vs* Pauline Grech</u>, deċiża 16.04.2004].

«Għalhekk, sabiex l-attur jirnexxi f'dawn it-talbiet tiegħu, għandu l-oneru li jipprova l-impossibilità da parti tiegħu li jkompli jeżegwixxi l-obbligu kontrattwali; impossibilità din,

derivanti minn ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali, indipendenti mill-volontà tal-attur; u huwa biss f'każ li hu jirnexxi f'din il-prova li sussegwentement isir l-eżami għar-reviżjoni tal-manteniment, jew għall-eżenzjoni mill-obbligu tiegħu.

«Fil-kaz in disamina l-qorti ma tirravviżax ċirkostanzi gravi, eċċezzjonali u indipendenti mill-volontà tal-attur li jammettu għall-varjazzjoni tal-klawsola preċitata. Mill-provi ma jirriżultax li l-attur huwa fil-fatt fl-impossibilità li jesegwixxi dan l-obbligu tiegħu, assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni, wara li preżumibilment huwa jkun qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

«*Inoltre*, l-attur, li fuq il-kuntratt indika li huwa fil-kummerċ u fir-rikors ġuramentat iddeskriva lilu nnifsu bhala *self-employed*, ma ressaqx provi sodisfaċenti li juru [li] l-introjtu annwali sħiħ tiegħu naqas tant drastikament b'mod li huwa qiegħed fl-impossibilità li jhallas il-manteniment pattwit, kif lanqas ma pprova li dan it-tnaqqis mhuwiex riżultat ta' xi azzjoni volontarja da parti tiegħu. Di fatti x-xiehda tiegħu f'dan ir-rigward tikkonsisti biss f'*affidavit* tiegħu li, għall-finijiet tal-eżami odjern, huwa irrelevanti *stante* li ma hemm ebda spjega ta' x'wassal għar-riduzzjoni fl-introjtu tiegħu; kif ukoll żewġ formoli tal-FS3 tas-snin 2005 u 2006 preżentati minnu, mhux bil-ġurament, iżda permezz ta' verbal waqt is-seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju, u li, għalkemm iffirmati mill-*accountant* tiegħu Albert Scerri, dan ma semma xejn fir-rigward fl-*affidavit* tiegħu. *Di più* l-attur ma ressaqx provi biex juri li l-introjtu li jidher fuq dawn id-dokumenti huwa l-uniku introjtu tiegħu.

«*Inoltre*, il-fatt li sussegwentement għall-kuntratt tas-separazzjoni huwa daħal f'relazzjoni stabbli ma' mara oħra li minnha għandu tarbija, ma jimmilitax favur l-attur *stante* li din iċ-ċirkostanza mhijiex indipendenti mill-volontà tiegħu.

«*In fine* jiġi osservat li, ġaldarba l-attur naqas li jipprova sodisfaċentement l-impossibilità tiegħu li jeżegwixxi l-obbligu kuntrattwali tiegħu rigwardanti r-retta alimentarja dovuta minnu lil martu, il-pożizzjoni finanzjarja tal-konvenuta hija irrilevanti fin-nuqqas ta' dispożizzjoni kontrattwali bejn il-partijiet li turi l-kuntrarju.

«Illi rigward l-ewwel eċċezzjoni, jirriżulta manifest li l-każ odjern jirrigwarda vertenza dwar manteniment, dekadenza u reviżjoni tal-istess, u li hija regolata b'dispożizzjonijiet tal-liġi li jidħlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Familja, u għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistax treġġi.»

9. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-8 ta' April 2011. L-aggravji tiegħu huma dawn:

10. L-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel qorti kellha tilqa' t-talba tiegħu magħmula bir-rikors tat-28 ta' Mejju 2008 għal żjieda fl-ewwel talba tiegħu. Igħid illi dan seta' jsir taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi kull ma talab hu "li jkun hemm id-dikjarazzjonijiet opportuni", u dan ma kienx sejjer ibiddel is-sustanza tal-azzjoni. Igħid ukoll illi l-qorti kellha fiċ-ċirkostanzi tapplika d-dottrina tal-*ius superveniens*.

11. It-tieni aggravju huwa illi l-ewwel qorti għamlet interpretazzjoni ħażina tal-frażi "*more uxorio* jew tikkoabita regolarment ma' raġel ieħor". Igħid illi l-ewwel qorti stess ikkonkludiet illi l-konvenuta għandha relazzjoni *extra*-matrimonjali stabbli ma' raġel ieħor li jmur jiekol kuljum għandha, li taħsillu u tgħaddilu l-ħwejjeġ, li jgħinha finanzjarjament u jsiefru flimkien, iżda bil-lejl ma jorqdux fl-istess dar. Ikompli jgħid l-attur illi l-provi juru illi l-konvenuta u dan ir-raġel igħixu flimkien *more uxorio* għax biex jitqiesu hekk ma hux meħtieġ illi jorqdu kuljum flimkien fl-istess sodda.

12. It-tielet aggravju huwa illi l-qorti kienet żbaljata meta ma qisitx illi l-klawsola (illi l-konvenuta titlef il-jedd għall-manteniment "biss kemm-il darba hija tgħix *more uxorio* jew tikkoabita regolarment ma' raġel ieħor") hija kontra l-ordni pubbliku, għax fiż-żwieġ, ukoll wara l-firda, jibqa' l-obbligu tal-fedeltà, u "l-fedeltà hija materja ta' ordni pubbliku u ma tista' b'ebda mod tiġi injorata, lanqas bil-kunsens tal-partijiet".

13. Ir-raba' aggravju hu illi l-ewwel qorti iddeċidiet ħażin meta ċaħdet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tiegħu għax dehrilha illi l-qagħda finanzjarja tal-konvenuta hija irrelevanti fin-nuqqas ta' dispożizzjoni kuntrattwali, u illi ma jirriżultax illi għall-attur huwa impossibbli li jwettaq l-obbligazzjoni li ntrabat biha fil-kuntratt ta' firda personali. L-attur igħid illi l-qagħda tat-tnejn inbidlet: dik tiegħu marret għall-agħar waqt illi dik tal-konvenuta marret għall-

aħjar, u jgħid illi għamel prova ta' dan. Il-kuntratt, igħid l-attur, jibqa' jorbot *rebus sic stantibus* u għalhekk il-bdil fil-qagħda finanzjarja tal-partijiet ma tistax ma tkunx relevanti, u l-qorti għanda s-setgħa li tqis dak il-bdil fiċ-ċirkostanzi bis-saħħa tal-Avviż Legali 397 tal-2003 u l-art. 54(7) tal-Kodiċi Ċivili.

14. L-aħħar aggravju tal-attur huwa dwar l-ispejjeż, li ma għandux ibatihom kollha hu meta "l-kawża ta' dan kollu kienet martu li għadha tippretendi li żewġha għandu jmantniha talli qed ikollha relazzjoni *extra*-matrimonjali ma' raġel ieħor".

15. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-attur talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tiegħu, u għalhekk tilqa' dawk it-talbiet.

16. Il-konvenuta wieġbet fit-13 ta' April 2011. Qalet illi "l-attur appellant ma semma assolutament xejn ġdid fir-rikors tal-appell tiegħu li ma kienx ġà semma fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u l-punti kollla minnu sollevati daħlet fihom l-ewwel onorabbli qorti u ċaħdithom wara li għamlet analiżi approfondita tal-istess aggravji li hemm imsemmija f'dan l-appell".

17. Din il-qorti tibda biex tgħid illi, strettament, l-ewwel aggravju (dwar id-dikriet tat-3 ta' Jannar 2011) huwa irrelevanti għall-għanijiet tal-appell ladarba l-attur qiegħed jitlob ir-riforma biss tas-sentenza u mhux ukoll li jitħassar id-dikriet. F'kull każ, id-dikriet tat-3 ta' Jannar 2001 kien korrett u l-ewwel qorti għamlet sew li ċaħdet ir-rikors biex tiżdied talba għat-tħassir ta' patt kuntrattwali għax il-kawża kienet għall-applikazzjoni tal-kondizzjoni kuntrattwali u mhux għall-bdil tagħha u għalhekk, li kieku kellha tintlaqa' t-talba tal-attur magħmula fir-rikors, kienet tinbidel "fis-sustanza" l-azzjoni, bi ksur tal-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

18. L-aggravji l-oħra jolqtu d-deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kondizzjoni dwar il-ko-abitazzjoni *more uxorio* (it-tieni aggravju) u l-validità tagħha (it-tielet aggravju), u d-deċiżjoni dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet fuq il-bdil fil-qagħda finanzjarja tal-partijiet (ir-raba' aggravju). Hemm ukoll l-aggravjui dwar l-ispejjeż.

19. Nibdew mir-raba' aggravju.

20. Bla ma tidħol fil-kwistjoni dwar jekk tassew il-qagħda finanzjarja relativa tal-partijiet inbidlitx jew le, ħlief illi tosserva illi l-ewwel qorti, wara li qieset sew ix-xiehda, sabet illi bħala fatt ma saritx il-prova li l-qagħda tal-attur tassew marret għall-agħar, din il-qorti tosserva wkoll, bħal ma għamlet l-ewwel qorti, illi l-qagħda finanzjarja tal-attur kienet tajba biżżejjed biex jista' joqgħod f'relazzjoni ma' mara oħra li minnha għandu wkoll tarbija. Jekk issa l-piż li daħal għalih biex iżomm mara u tarbija oħra qiegħed jagħmilhielu ħaġa aktar iebsa illi jħallas ukoll il-manteniment lill-konvenuta, *imputet sibi*, għax *nemo auditur propriam turpitudinem allegans*.

21. Ma jistax għalhekk l-attur igħid illi, jekk tassew il-qagħda tiegħu nbidlet, dan kien għal raġuni indipendenti mir-rieda tiegħu.

22. Għal din ir-raġuni, sewwa qalet l-ewwel qorti illi kull bdil fil-qagħda finanzjarja tal-konvenuta hija irrelevanti, kemm għax l-attur ma weriex illi l-qagħda finanzjarja tiegħu ħżienet għal raġuni indipendenti mir-rieda tiegħu u kemm għax il-ftehim ma jikkontemplax bdil fil-manteniment jekk il-qagħda finanzjarja tal-mara titjieb jew teħżien.

23. Ir-raba' aggravju huwa għalhekk miċħud.

24. Fit-tielet aggravju tiegħu l-attur igħid illi l-kondizzjoni illi l-konvenuta titlef il-manteniment biss jekk tgħix *more uxorio* ma' raġel ieħor ma tiswiex għax kontra l-ordni pubbliku, billi tmur kontra l-obbligu tal-fedeltà bejn il-miżżewġin.

25. Il-kondizzjoni *de qua* ma teħlisx mill-obbligu tal-fedeltà, li baqa' jorbot liż-żewġ partijiet għalkemm inkiser mit-tnejn. Kull ma tagħmel hu li tistipula illi s-sanzjoni estrema tad-dekadenza sseħħ biss jekk dak l-obbligu jinkiser b'mod flagranti. B'hekk il-konvenuta ma ngħatax liċenza ta' infedeltà u ma jistax jingħad, għalhekk, illi l-kondizzjoni hija *contra bonos mores*.

26. It-tielet aggravju wkoll huwa, għalhekk, miċħud.

27. Tifdal issa l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kondizzjoni kuntrattwali.

28. Fil-fehma ta' din il-qorti, id-dispożizzjoni tal-liġi li l-aktar li hija relevanti għal interpretazzjoni korretta hija dik tal-art. 993 tal-Kodiċi Ċivili, li trid illi "l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi".

29. Lill-ewwel qorti irriżultalha ampjament illi l-konvenuta u l-ħabib tagħha ilhom żmien twil jagħmlu regolarment dak kollu li jagħmlu l-miżżewġin ħlief illi jorqdu fl-istess dar: ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien, jieklu flimkien, iqattgħu ħin kuljum flimkien, isiefru flimkien u joqogħdu fl-istess kamra u fl-istess sodda meta jsiefru, il-konvenuta tieħu ħsieb il-ħasil u l-mogħdija tal-ħwejjeġ tal-ħabib waqt li hu jħallsilha l-kontijiet. Huwa ovvju, fil-fehma ta' din il-qorti, illi ma joqogħdux fl-istess dar biss biex, bit-tama ta' interpretazzjoni dgħajfa tal-kondizzjoni kuntrattwali, il-konvenuta tevadi l-konsegwenzi tad-dekadenza.

30. Interpretazzjoni korretta iżda għandha tħares mhux lejn l-apparenzi, spiss manipulati bi ħsieb, iżda lejn l-essenza tal-ħaġa. Ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u l-ħabib tagħha ma hijiex xi waħda sporadika, xi *scappatella* ta' darba, iżda relazzjoni regolari, intima, komprensiva u stabbli fiż-żmien. Hekk kif tnejn min-nies jistgħu jgħixu għal rashom taħt l-istess saqaf, hekk ukoll jistgħu jgħixu ta' miżżewġin għalkemm il-lejl jgħadduh fi djar differenti.

31. Meta tqis dan kollu, din il-qorti hija tal-fehma illi ma jistax jingħad illi l-konvenuta ma hijiex qiegħda tgħix *more uxorio* ma' raġel ieħor, u t-tieni aggravju tal-attur jixraq illi jintlaqa'.

32. Il-konsegwenza li l-partijiet qablu li kellha sseħħ jekk il-mara tgħix *more uxorio* ma' raġel ieħor hija illi din titlef il-jedd għall-manteniment. L-ewwel talba tal-attur għalhekk għandha tintlaqa'.

33. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza u fejn ċaħdet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-attur iżda tħassarha fejn ċaħdet ukoll l-ewwel talba u, minflok, tilqa' l-ewwel talba u tgħid illi l-konvenuta tilfet il-jedd għall-manteniment mingħand l-attur b'applikazzjoni tat-tielet artikolu tal-kuntratt ta' firda personali bejn il-partijiet ippubblikat min-Nutar Marco Farrugia fis-17 ta' Novembru 1998.

34. L-ispejjeż kemm tal-ewwel istanza u kemm tal-appell għandha tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------